**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 t' April, 2021**

**Talba Nru: 33/2019 PM1**

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) físimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Intercomp Marketing Limited abbazi tal-polza ta'assikurazzjoni u tal-ligi u l-istess Intercomp Marketing Limited (C20612)**

**V.**

**B.A.S. Limited**
**G.M.C. Transport Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Frar, elfejn u dsatax (2019) illi permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, l-intimati jew min minnhom ghandhom jigu ikkundannati jhallsu s-somma globali ta'€853.40 rapprezentanti valur tal-merkanzija li ma gietx ikkonsenjatha, b'dan illi l-kundanna ghall-hlas relattiv ghandha tkun fis-somma ta' sitt mija ghoxrin Euro u

erbghin centezmi (€620.40) lil Atlas Insurance PCC Limited u s-somma ta' mitejn u tlieta u tletin euro (€233) lil Intercomp Marketing Limited kif premess. Bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv bl-ispejjez kollha kontra l-intimati jew min minnhom li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Ra r-risposta tas-socjeta` intimata B.A.S. Limited li, permezz taghha, eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta`attrici u dan stant li hija s-socjeta` konvenuta l-ohra GMC Transport Co. Ltd li ghandha tirrispondi t-talbiet attrici, stante li l-konsenja kienet effettivament fil-kontroll u/jew pussess effettiv taghha, jew agenti ohra taghha, kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premeess, il-garr huwa kopert bis-CMR Convention, u ghaldaqstant kwalunkwe danni reklamati ghandhom jigu limitati kif tiddisponi l-konvenzjoni, u ghalhekk l-ammont pretiz ma hux misthoqq.

   Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta G.M.C. Transport Co. Ltd li permezz taghha eccepiet :

1. In kwantu diretti kontra l-eccipjenti it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez
2. Mhux minnu li l-eccipjenti hija debitrici tas-socjeta`attrici jew tal-assikurata taghha, u dan kif ser jigi pruvat ahjar fil-kors ta'din il-kawza.

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Mangion u ra d-dokumenti ezebiti minnu (Dok. JM1-11) waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Mangion, Anthony Pace u Mario Pace u ra d-dokumenti ezebiti waqt is-seduta tad-19 ta' Gunju, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Mario Debono u ra d-dokumenti ezebiti minnu waqt is-seduta tat-18 ta' Gunju, 2020.

Sema' x-xhieda ta' Alex Spiteri u ra d-dokumenti ezebiti minnu waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru, 2020.

Sema' x-xhieda ta' Mario Debono in kontro-ezami waqt is-seduta tat-23 t'Ottubru, 2020.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Pace u ta' Mario Gatt in kontro-ezami waqt is-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2020.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Mangion u ta' Mark Buttigieg waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar, 2021.

Sema' wkoll it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-istess seduta tas-27 ta' Jannar, 2021.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tal-provi kollha u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi din hija azzjoni għad-danni minħabba telf ta' merkanzija li nġarret minn barra għal Malta fuq talba ta' kumpannija assikurata (minn issa 'l hemm imsejħa "Intercomp"). Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Atlas") bħala assikuratriċi ta' Intercomp, għamlet tajjeb għall-ħsara li Intercomp ġarrbet minħabba n-nuqqasijiet fil-merkanzija konsenjata – liema hsara hija konsistenti minn *laptop* nieqes minn konsenja

ta’ 226 *laptops* - u l-atturi Atlas u Intercomp jikkontendu li, għal din il-ħsara, jaħtu l-intimati jew liema minnhom. Is-socjeta` intimata B.A.S. Limited (minn issa ’l hemm imsejħa “B.A.S.”) tqabbdet biex tagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex iġġorr tali merkanzija lejn Malta ghal ghand is-socjeta` Intercomp filwaqt illi s-socjeta` intimata l-ohra GMC Transport Co. Ltd. (minn issa ’l hemm imsejha “GMC”) kienet giet inkarigata mis-socjeta` B.A.S. sabiex igorr il-merkanzija mill-Olanda u twassalha lejn Malta.

Illi, min-naħa tagħha BAS, ċaħdet kull ħtija għal dak li seħħ u dana billi exxepiet li, ghal tali hsara ghandha twiegeb is-socjeta` intimata l-ohra GMC. Qalet ukoll li f’kull każ, kwalunkwe responsabbiltà hija limitata bir-regoli tal-Konvenzjoni dwar The Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR).

Illi, min-naħa tagħha, s-socjeta` intimata GMC laqgħet għall-azzjoni attriċi billi generikament eccepiet ukoll illi hija m’hijiex debitrici tal-atturi.

Illi bħala fatti relevanti illi joħorġu mill-atti ta’ din il-kawża jirriżulta li Intercomp ħatret lill B.A.S. biex iġġorr lejn Malta sal-imħazen tagħha, konsenja ta’ merkanzija li kienet tikkonsisti f’*computer laptops*, mid-depot tal-fornitur tagħha f’Tilburg ġewwa l-Olanda. F’dan ir-rigward Joseph Mangion, Marine Cargo Claims Handler fi hdan is-socjeta` Atlas xehed is-segwenti:

> *“Nghid li fir-rigward ta’ B.A.S. Limited din kienet giet imqabbda mill-klijent taghna Intercomp Marketing Limited sabiex tigbor il-konsenja ta’ computers u laptops u twassalhom sal-warehouses taghhom hawn Malta. Nghid li lilna rrizultalna li B.A.S. kienu min-naha taghhom qabdu lil GMC Transport Company Limited sabiex jaghmlu l-bicca tat-tragitt, iwasslu l-konsenja hawn Malta mbaghad il-B.A.S. jiehdu hsiebu li jwasslu din il-merkanzija fil-warehouses tal-klijenti taghna Intercomp Marketing Limited.”* (xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta’ Mejju, 2019)

Tali verzjoni tinsab ikkonfermata wkoll minn Anthony Pace, Administration Manager ta’ Intercomp li f’dan ir-rigward xehed:

> *"Qabbadna lil B.A.S biex iggorr il-merkanzija in kwistjoni. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li l-process u cioe' it-tragitt huwa maqsum bejn zewg (2) kumpaniji B.A.S u G.M.C, it-tragitt huwa bejn l-Olanda u Malta. B.A.S tiehu hsieb il-parti lokali tat-tragitt, G.M.C. iwasslu l-merkanzija hawn Malta, jghadduha lil B.A.S u B.A.S. twassalha lilna. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li G.M.C. ahna ilna nahdmu bihom pero' G.M.C. ilna nahdmu bihom pero' dan b'mod indirett u dan peress li ahna appuntajna lill-B.A.S. u B.A.S. min-naha taghhom kienu qabdu lil G.M.C. Nghid li l-pagament da parti taghna jsir lil B.A.S.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Gunju, 2019).

Hekk ukoll, Mario Debono Deputy General Manager fi hdan B.A.S. ikkonferma li s-socjeta` rapprezentata minnu kienet giet inkarigata mill-attrici sabiex tipprovdi servizzi ta' *logistic service provider* anke fir-rigward tal-konsenja mertu tal-kawza odjerna filwaqt li s-socjeta` GMC kienet giet appuntata bhala t-trasportatur "*sabiex jigbor il-merkanzija mis-supplier fl-Olanda u jiehdu dal-mahzen taghna f'Hal-Far.*" (xhieda moghitja waqt is-seduta tat-18 ta' Gunju, 2020. Bl-istess mod Mark Buttigieg, in rapprezentanza ta' G.M.C. ikkonferma wkoll li: "*Nghid li jiena fir-rigward ta' dan il-kas partikolari kont involut l-aktar f'dik il-parti esterna li tigri barra minn Malta. Nghid li GMC dejjem tigi mqabbda minn BAS, il-klijent Intercomp huwa l-klijent tal-BAS. Nghid li l-inkarigu taghna moghti lilna minn BAS hu li nigbru l-merkanzija minn Tilburg l-Olanda u twassal din il-merkanzija fil-bonds ta' Hal Far.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar, 2021).

Illi ghaldaqstant irrizulta kjarament u jinsab fil-fatt inkontestat bejn il-partijiet li jekk B.A.S. kienet responsabbli sabiex tissorvelja t-tragitt kollu u cioe` mill-gbir tal-merkanzija f'Tilburg l-Olanda sa ghand is-socjeta` attrici Intercomp f'Malta, is-socjeta` wkoll intimata G.M.C. kienet responsabbli bhala t-trasportatur tal-merkanzija minn Tilburg lejn Malta. Skont Buttigieg, tali merkanzija tasal fil-bonds taghhom u hemmhekk tigi verifikata minn B.A.S. tramite l-burdnar taghha li jigborha u jghaddiha lill-klijent Intercomp:

> "*Nghid li fil-fatt ahna nwasslu din il-merkanzija fil-bond tal-GMC. Nghid li wara li tasal il-merkanzija fil-bonds taghna BAS tqabbad lill-burdnara taghha, nghid li dan jiffirma d-delivery order, jigbor il-merkanzija u johodha ghand il-klijent tieghu. Huwa l-burdnar tal-BAS li johrog il-merkanzija minghandna."*

Hekk jidher li fil-fatt gara fil-kaz in ezami fejn l-istess xhud gharaf fir-ritratti ezebiti il-bonds tal-istess socjeta` rapprezentata minnu G.M.C. Jidher, fil-fatt, li kien proprju hemm li l-intimati intebhu li l-konsenja kienet nieqsa tant illi bejniethom ikkonfermaw dan bil-kitba fuq id-*delivery order* (Dok. JM5 u Dok. MD1 a fol. 25 u a fol. 67 tal-process rispettivament). Hekk fil-fatt xehed Mario Debono: *"Nghid li l-mitejn u sitta u ghoxrin (226) kaxxa jirrizultaw mis-CMR, nghid li f'dik l-okkazzjoni pero' ma sibniex dan in-numru ta' kaxex, sibna fil-fatt kaxxa nieqsa. Ghamilna rimarki fuq il-formola relattiva tal-GMC, iffirmajna ahna u ffirmaw ukoll il-GMC, hemmhekk ahna hadna hsieb li l-merkanzija tintbaghat lill-Intercomp. Il-parti tat-tragitt mill-mahzen taghna ghal ghand l-Intercomp niehdu hsiebha ahna u meta waslet il-merkanzija ghand l-Intercomp sabu two two five (225) li kienet l-istess numru ta' kaxex li konna rcevejna u li konna sibna fl-imhazen taghna.*" (xhieda tat-18 ta' Gunju, 2020).

Illi ghaldaqstant, determinati l-punti fattwali surreferit, jehtieg li jigi determinat min mill-intimati jista' jigi ritenut responsabbli fil-konfront tas-socjetajiet attrici ghall-merkanzija mitlufa. B'referenza ghax-xhieda surreferita Mario Debono ghas-socjeta` B.A.S. jaghraf li r-responsabilta` tas-socjeta` rapprezentata minnu kienet certament tizboq dik limitata li tiehu hsieb li twassal il-merkanzija minghand it-trasportatur jew mill-bonds tat-trasportatur jew ta' B.A.S. stess lill-klijent Intercomp. Fil-fatt, l-istess Debono jikkonferma: "*Ahna da parti taghna nsegwu u naghmlu monitoring tax-xoghol li jkun qed isir kif suppost sakemm jasal Malta. Konna wkoll responsabbli sabiex meta l-merkanzija tasal Malta fl-imhazen taghna ahna niccekjaw li dik il-merkanzija tkun taqbel man-number of pieces li jkunu ndikati fuq is-CMR.*" In kontro-ezami huwa wkoll jikkonferma li huwa jaqbel ma'dak li kien qed jigi suggerit lilu u cioe` "*li l-Intercomp thallas direttament lill-B.A.S. ghal dak li ghandu x'jaqsam it-tragitt mill-Olanda ghall-imhazen tal-istess socjeta` taghna.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Gunju,

2020) dan proprju in linea mal-inkarigu moghti lilha u c-cioe` s-sorveljanza tal-garr tal-merkanzija mill-bidu sal-ahhar.

Fi kliem iehor B.A.S. tagħraf li kellha obbligazzjoni li tiehu hsieb il-garr tal-merkanzija matul it-tragitt kollu mill-Olanda sal-maħżen ta' Intercomp f'Malta. Min-naha l-ohra jekk skont l-eccezzjonijiet sollevati minnha tipprova ticcita r-regoli tas-CMR favur taghha, donnha tinsa l-prinċipju li joħroġ mill-istess Konvenzjoni li jgħabbiha wkoll bir-responsabiltà għall-għemil tal-kumpannija li ggorr il-merkanzija f'isimha.

Hekk fil-fatt jinsab determinat mill-Qrati Taghna, anke f'diversi decizjonijiet li kienu partijiet fihom l-istess socjeta` intimata B.A.S. li:

> *"l-Artikolu 3 tal-CMR jipprovdi li "**<u>for the purposes of this Convention the carrier shall be responsible for the acts or omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use for the performance of the carriage, when such agents, servants or other persons are acting within the scope of their employment, as if such acts or omissions were his own</u>**."*
>
> *Kif già iktar 'l fuq osservat, mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjetà attrici Intercomp Marketing Limited inkarigat lis-socjetà konvenuta ghall-fini tat-trasport mill-Olanda ghal hawn Malta tal-merkanzija minnha ordnata minghand id-ditta Dell. Kienet is-socjetà konvenuta li ddelegat dan l-inkarigu ghal fuq is-socjetà kjamata in kawza. **<u>B'hekk vis-à-vis is-socjetà attrici Intercomp Marketing Limited, it-trasportatur ma' min effettivament kellha relazzjoni guridika hija s-socjetà konvenuta</u>**.*
>
> *Applikati dawn il-fatti ghal dak provdut fl-Artikolu 3 tal-CMR, huwa evidenti li hija s-socjetà konvenuta li hija responsabbli vis-à-vis is-socjetajiet attrici ghal dak li gara waqt li l-merkanzija kienet fil-pussess tas-socjetà kjamata in kawza. Din l-osservazzjoni ssib konferma f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali fosthom, apparte dawk indikati mis-socjetajiet attrici fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom, is-sentenza fl-ismijiet **Benjamin Bonnici noe v. Francis Vella et noe**, Citaz. Nru. 1083/92 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti*

> *Civili fit-30 ta' Ottubru 2000, fejn dik il-Qorti osservat: "mill-provi jirrizulta kjarament li r-rabta kuntrattwali kienet bejn is-socjetà attrici ... u s-socjetà konvenuta. Kull sub-appalt iehor raggunt bejn il-konvenuti nomine u t-terz – minghajr ebda partecipazzjoni jew intromissjoni da parte tas-socjetà attrici ... - m'ghandux ikun ta' impediment ghat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta naxxenti mill-ftehim tal-garr milhuq. (...)"* (**Atlas Insurance PCC Ltd. noe. et. v. B.A.S Limited** deciza mill-Onor. Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta' Lulju, 2017)

Illi l-istess decizjoni tkompli billi tipprovdi wkoll is-segwenti fir-rigward tar-responsabiltajiet tat-traportatur skont is-CMR:

> *B'mod generali* ***r-responsabilità tat-trasportatur taht il-CMR*** *hija regolata bl-Artikolu 17(1) u (2) li jipprovdi illi: "****the carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery.*** *The carrier shall, however, be relieved of liability if the loss, damage or delay was caused by the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as the result of a wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent. L-Artikolu 18(1) tal-CMR jipprovdi li the burden of proving that loss, damage or delay was due to one of the causes specified in article 17, paragraph 2, shall rest upon the carrier."* (enfazi mizjuda)

Fil-fehma tat-Tribunal, tenut kont tal-appalt dikjaratament moghti lilha, B.A.S. tibqa' dejjem responsabbli għall-merkanzija anke jekk din tkun fdatha f'idejn terzi u, skont kazistika kostanti, "*Kien fl-interess tagħha li toħloq u tassigura sistema ta' trasparenza tajjeb biżżejjed biex teżoneraha minn kull responsabbiltà, ħaġa li ma seħħilhiex tagħmel*" (f'dan is-sens **Atlas Insurance PCC Limited et. noe. v. B.A.S. Limited et.** deciza mill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Dicembru, 2019). Kwindi hija

ma tistax tehles mir-responsabilita` taghha tenut kont tan-negozju guridiku dirett konkluz bejnha u l-attrici Intercomp.

Illi, min-naha l-ohra, it-Tribunal ma jistax ma jinnutax ukoll li, b'referenza ghad-decizjoni hawn fuq appena citata, skont is-CMR (ezebit mill-atturi bhala Dok. JM6 a fol. 26 tal-process) is-socjeta` G.M.C. tinsab indikata wkoll bhala t-trasportatur u kwindi hija wkoll tinsab marbuta bl-obbligi legali taghha a favur tad-destinatarju tal-merkanzija kif jinsabu wkoll hawn fuq indikati. Jekk allura mill-aspett tal-appalt moghti lilha mis-socjeta` Intercomp, B.A.S. ma tistax tittanta titfa' l-ħtija ghall-ksur tal-obbligi taghha ta'sorveljanza kif assunti minnha fil-konfront tas-socjeta` Intercomp fuq is-socjeta` inkarigata minnha ghat-trasport, hekk ukoll G.M.C. ma tistax ukoll tippretendi li tahrab mill-obbligi wkoll konsegwenti ghar-rwol taghha wkoll bhala trasportatur fuq is-CMR favur l-istess socjeta` Intercomp u dana in linea ma' dak li jinsab provdut skont il-Konvenzjoni kif ukoll hawn fuq citata.

Illi perdipiu` irrizulta car mill-provi prodotti li n-nuqqas sehh proprju f'dik il-parti tat-tragitt li ghalih kienu responsabbli z-zewg socjetajiet konvenuti u dana b'obbligi diretti fil-konfront tas-socjeta` attrici Intercomp, B.A.S permezz tal-appalt moghti lilha u G.M.C. permezz tar-rwol taghha bhala trasportatur skont is-CMR kif assunt minnha u iffirmat mir-rapprezentanti taghha.

Illi ai fini ta' kompletezza jinghad ukoll li l-ebda wahda mill-intimati ma rnexxielha tipprova li n-nuqqas kien diga` jinsab fil-merkanzija migbura minn Tilburg, anzi kemm is-CMR (li f'dan ir-rigward u skont l-Art 9 tal-Konvenzjoni tikkostitwixxi prova *prima facie* li l-merkanzija shiha giet mghoddija lit-trasportatur) u kif ukoll id-dokumentazzjoni ezebita minn Joseph Mangion (b'mod partikulari Dok. JM9 u Dok. JM10) isservu sabiex jipprovaw li, almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-226 laptops gew ilkoll ikkonsenjati f'Tilburg u l-laptop nieqes gie allura mitluf sakemm tali merkanzija waslet Malta meta B.A.S kienet responsabbli mis-supervizjoni tat-tragitt u G.M.C. responsabbli mit-trasport tal-istess.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni sollevata minn B.A.S. it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab espressament provdut taht l-art. 29 tal-istess Konvenzjoni li jeskludi kwalunkwe limitazzjoni fil-kumpens fejn il-hsara tirrizulta kkawzata minn agir

ekwivalenti ghal *wilful misconduct*. Apparti li s-socjeta` B.A.S. ma ressqet ebda prova sabiex turi li hija hadet xi mizura intiza sabiex teskludi jew tillimita r-responsabilita` taghha anke ai fini ta' tali artikolu, applikata l-kazistika kostanti ghall-kaz in ezami jirrizulta li hawn ukoll – fl-assenza ta' provi dwar tali mizuri preventivi mehudin mis-socjeta` B.A.S. kif inghad - tali nuqqas huwa wiehed li jammonta ghal mala fede (ara f'dan is-sens **Atlas Insurance PCC Limited v. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited** deciza minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fil-24 ta' Settembru, 2019 u l-kazistika hemmhekk citata) u kwindi jeskludi kwalunkwe limitazzjoni fir-responsabilita` taghha ghall-hsara kollha sofferta mill-atturi bhala konsegwenza diretta tal-istess.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati kif rispettivament sollevati minnhom, jilqa' t-talba attrici u kwindi jikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu s-somma globali ta' tmien mija u tlieta u hamsin euro u erbghin centezmi (€853.40) rapprezentanti valur tal-merkanzija li ma gietx ikkonsenjatha, b'dan illi l-kundanna ghall-hlas relattiv ghandha tkun, kif mitlub, fis-somma ta' sitt mija ghoxrin Euro u erbghin centezmi (€620.40) lil Atlas Insurance PCC Limited u s-somma ta' mitejn u tlieta u tletin euro (€233) lil Intercomp Marketing Limited. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali wkoll kontra l-istess socjetajiet intimati.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**